MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 10/2011

**Charles Cassar**

**Vs**

**Aluserv Limited**

Il-Qorti,

Permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qieghed jitlob li s-socjeta' intimata tigi kkundannata tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati lilu mill-istess socjeta' stante li din ezegwiet xoghol fil-fond 'Sunshine Bar and Restaurant', Triq ir-Rabat, Xlendi, Ghawdex liema xoghol sar hazin.

Illi fir-risposta taghha s-socjeta' intimata fost l-eccezzjonijiet li ressqet, fl-ewwel eccezzjoni taghha eccepiet is-segwenti:

*‘Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tisma’ l-proceduri odjerni, u dan stante illi s-socjeta’ eccipjenti qeghda tipprevalixxi ruhha mill-beneficcju tal-privilegium fori lilu moghti ai termini ta’ l-artikoli 741(c ) u 767 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili’.*

Sussegwenti ghal tali risposta, ir-rikorrent prezenta nota li testwalment taqra hekk: *‘Li biha jissottometti li qed jaqbel li jigi ezercitat il-privilegium fori ai termini ta’ l-artikolu 741(c) u 767 et seq tal-Kap 12 fis-sens illi l-atti jintbaghtu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta).*

Illi fis-seduta ta’ l-24 ta’ Novembru 2011, il-qorti in vista tan-nota li giet prezentata mir-rikorrent b’referenza ghall-ewwel eccezzjoni mressqa mis-socjeta’ konvenuta u in vista tal-fatt illi l-istess rikorrent kien qieghed jinsisti li l-kawza ghandha tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta), rat li ma kienx hemm triq ohra hlief li tghaddi ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ intimata. Dr Yanica Bugeja ghar-rikorrenti talbet li tinghata opportunita’ li tipprezenta nota fi zmien gimgha. Il-kawza giet ghalhekk differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ intimata ghas-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2011.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Wara li l-qorti giet infurmata li s-socjeta’ intimata prezentat nota ta’ sottomissjonijiet ukoll, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Dicembru 2011 sabiex tiehu konjizzjoni ta’ l-istess nota. Nonostante li l-istess nota giet prezentata minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ din il-qorti din l-istess nota qeghda tigi ammessa in atti u dan fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel kwistjoni li trid tiddeciedi dwarha din il-qorti hija jekk il-fatt li r-rikorrent prezenta nota in atti fejn qieghed ighid li jaqbel li jigi ezercitat il-*privilegium fori* hux bizzejjed biex din il-qorti tilqa’ l-eccezzjoni mressqa mis-socjeta’ intimata.

Illi s-socjeta' intimata tissottometti li ladarba r-rikorrent qabel espressament ma' l-eccezzjoni sollevata minnha din hija accettazzjoni tal-beneficcju tal-privilegium fori. Testwalment is-socjeta' intimata ssottomettiet hekk:

*'Inoltre', l-eccezzjoni in kwistjoni taghmel referenza espressa ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 741(c) li huma cari illi f'kaz illi l-beneficcju hemm kontemplat huwa effettivament spettanti lill-eccipjenti, kif fil-fatt ammetta r-rikorrenti odjern, il-Qorti li quddiemha jkun gie sollevat l-imsemmi beneficcju ma tibqax iktar kompetenti biex tisma' l-proceduri quddiemha. L-effetti procedurali ta' ammissjoni ta' l-ezistenza tal-beneficcju in kwistjoni huwa n-nuqqas ta' kompetenza jew gurisdizzjoni tal-Qorti, liema nuqqas ghandu per forza jigi pronunzjat permezz ta' sentenza bhal f'kaz ta' pronunzjament dwar kwalsiasi eccezzjoni ohra'.*

Illi jinghad mill-ewwel li fil-fehma ta' din il-qorti mhux bizzejjed li ghax parti taqbel ma' tali eccezzjoni ghandu necessarjament ifisser li mhiex kompetenti biex tiddeciedi l-kaz quddiemha. Il-qorti ghandha l-obbligu li tisma' l-kawzi kollha li jigu quddiemha u li huma ta' kompetenza taghha u ma tistax tabdika minn tali dritt facilment, anki jekk il-partijiet ikunu qeghdin jaqblu jew bhal ma gara f'dan il-kaz. Il-kompetenza ta' din il-qorti hija radikata mid-diversi artikoli tal-ligi u ma jistghux jigu injorati jew addirittura sorvolati ghaliex il-partijiet hekk iddecidew. Din il-qorti hija konfortata minn dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **World Wide Import/Export Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana**[1] li

*'Il-kompetenza 'ratione materiae' jew 'ratione valoris' hi ta' ordni pubbliku, u lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet (ara Borg vs Vassallo, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Dicembru, 2003),..'*

Illi inoltre' fil-kaz inkwistjoni r-rikorrent isostni li huwa pprezenta n-nota bi kwalifika fis-sens li kien minghalih li l-

[1] Rik Nru: 48/2005TM deciza fil-5 ta' Lulju, 2005

kawza tista' tintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Haga li ma ssirx ghaliex jekk eccezzjoni bhal dik imressqa mis-socjeta' rikorrenti tintlaqa' jkun ifisser li l-qorti tiddikjara ruhha inkompetenti biex tiddeciedi dwar il-vertenza li jkollha quddiemha u mhux il-kaz jintbaghat Malta. Din il-qorti m'ghandix setgha legali biex tibghat hi kawza quddiem Qorti ohra. Infatti fis-sentenza appena citata **World Wide Import/Export Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana** inghad hekk:

*'Din il-Qorti ma tarax b'liema setgha din il-Qorti tista' tibghat l-atti lil Qorti ohra. Dan mhux provdut fil-ligi, u l-ligi, anzi, fl-artikolu 741(b) tal-Kap 12, tipprovdi li l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti tista' tinghata 'meta ghalkemm ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawza tingieb quddiem Qorti diversa minn dik li ghandha tiehu konjizzjoni taghha', tali eccezzjoni tista' anki tigi sollevata ex officio mill-Qorti a tenur tal-artikolu 774(b) tal-indikat Kap 12. Jekk tali eccezzjoni tintlaqa', il-kawza tigi mitfugha 'l barra u m'hemmx procedura biex l-atti jintbaghtu quddiem Qorti ohra.'*

Illi stabilit dan jehtieg li tigi ezaminata l-eccezzjoni *per se* u ghal dan il-ghan se ssir referenza ghall-artikoli relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna.

Illi referenza trid issir ghall-artikolu 50 tal-Kap 12 jipprovdi :

*'Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), b'eskluzjoni tal-Qrati ta' Malta,hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-Qorti'.*

Illi l-artikolu 741 tal-Kap 12 jiddisponi li:-

*"L-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tinghata –*

*(c) meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari."*

Illi wkoll l-artikolu 767 tal-Kap 12 jistipula li :-

*"Il-beneficcju msemmi fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 741 huwa moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta' dawk il-Gzejjer".*

Illi imbaghad l-artikolu 770 tal-Kap 12 jiddisponi :

*'Il-privilegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari'.*

Illi aplikati dawn l-artikoli ghall-kaz odjern jirrizulta u fil-fatt lanqas mhu kontestat li s-socjeta' intimata ghandha l-indirizz taghha f'Malta u ghalhekk ladarba il-***privilegium fori*** tqajjem mill-istess socjeta' intimata, id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** ghandhom normalment japplikaw[2]. Fil-fatt hija l-kwistjoni ta' residenza li fuqu huwa stabbilit l-artikolu 741 (c) tal-Kap 12[3]. Jirrizulta wkoll li din l-eccezzjoni tqajjmet *in limine litis.*

Illi pero' kif diga' gie rilevat, hemm eccezzjoni ghal din ir-regola skond l-**artikolu 770 tal-Kap 12** fejn jinghad li <u>l-*privilegium fori* jispicca wkoll</u>, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Kwindi l-ligi hija tassattiva u ma thalli lok ghal ebda tip ta' interpretazzjoni. F'kazijiet li jaqghu fit-termini ta' l-artikolu 770 tal-Kap 12, l-intimat ma jibqalghux aktar id-dritt li jinvoka l-beneficcju li jigi mharrek quddiem qorti partikolari. Dan ifisser li meta l-kawza tkun tivverti fuq obbligazzjoni li skont il-ftehim kellha tigi esegwita

[2] Ara kawza fl-ismijiet **Joseph Pace vs Dun Anton Sultana** P.A. RCP deciza fit- 23 ta' Frar 1999

[3] Ara kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina nomine vs Richard dei Conti Stagno Navarro,** Appell Civili deciza fit-22 ta' Novembru 2005

f'Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti f'Malta ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi deciza mill-Qorti ta' Ghawdex[4].

Illi fil-kaz inkwistjoni r-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-qorti li tikkundanna lis-socjeta' intimata tillikwida danni favur tieghu peress li allegatament is-socjeta' intimata ezegwiet xoghol hazin fil-fond 'Sunshine Bar and Restaurant' li jinsab fix-Xlendi, Ghawdex. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-obbligazzjoni skont il-ftehim kienet dwar xoghol li kellu jsir fil-Gzira ta' Ghawdex u allura hija din il-qorti li ghandha kompetenza biex tisma' u tiddeciedi dwar it-talba mressqa mir-rikorrent.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' rikorrenti billi tiddikjara ruhha li hija kompetenti sabiex tisma' l-kaz inkwistjoni u ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza

Spejjez ta' din l-istanza a karigu tas-socjeta' intimata.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] **Gorg Vella noe et vs Rev Charles Cini,** Cit Nru: 6/99AMT deciza fis-16 ta' Frar, 2001